20 ta' Jannar, 1950.

Imhallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Gio Maria Calleja *versus* Gaetana Debono et.

**Sisien — Drittijiet tal-Proprjetarji ta' Fondi Viċini — Limiti — Danni — Delitt u Kwaži-Delitt — Art. 456 tal-Kodiċi Civili.**

*Il-liġi ma titkellimx espressament fuq is-sisien; u għalhekk il-kwistjonijiet li jinqalgħu dwarhom għandhom jiġu regolati fuq il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-proprjetajiet li ikunu viċini, jew dawk tad-dritt komuni mposti mill-ekwità jew mill-użi vveterati fil-kampanja osservati u dettati.*

*Kulħadd jista' juża mid-dritt tiegħu ta' proprjetà illimitatament, imma fl-istess ħin għandu jieħu l-prekawzjoni meħtieġa biex b'dak l-użu ma titnissilx kawża ta' dannu lil ħadd ieħor. U kwindi huwa obligat jirripara d-dannu kaġunat dolożament jew negliġentement meta huwa jeżerċita d-dritt tiegħu bi ħsara ta' ħadd ieħor.*

*Għalkemm il-proprjetarju ta' fond viċin superjuri ma jistax jagħmel opri jew xogħlijiet li bihom jiddanneġġja lill-proprjetarju ta' fond inferjuri; u mill-banda l-oħra dan l-aħħar lanqas ma jistax jagħmel opri jew xogħlijiet fil-fond tiegħu li jiddanneġġjaw il-fond viċin superjuri.*

*Biex ikun hemm delitt ċivili hemm bżonn li jikkonkorru tliet kondizzjonijiet:— 1. Illi l-fatt ikun illeċitu; 2. illi l-fatt ikun imputabili lill-awtur; 3. u illi l-awtur ikun aġixxa xjentement u bl-intenzjoni li jagħmel id-dannu.*

*Id-delitt ċivili jissupponi l-infrazzjoni tal-liġi ċivili u li ikun hemm attakk ta' l-ordni privat li bih liġi ejdat l-interess; il-kwaži-delitt jissupponi t-tort.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni numru 168/1949, fejn, wara li ppremettia li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, u peress illi f'qasma li saret fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri fi'-15 ta' Diċembru 1946 lill-istess instanti u lill-konvenuta mesħom kull wieħed parti

maqsuma tal-għalqa msejħa "Iċ-Ċianta", fil-limiti ta' Binġemma, dik ta' l-instanti f'livell iżjed għoli minn dik tal-konvenuta; u peress li dan l-aħħar il-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, neħħew u ħadmu s-sisien li kienu jisseparaw iż-żewġ porzjonijiet tal-għalqa fuq imsemmija, u li fl-istess ħin kienu jostnu l-materjal tal-porzjoni li messet lill-instanti; u peress li b'hala effett ta' dana l-għemil arbitrarju u illegali l-instanti qiegħed isofri danni, billi l-materjal u ħamrija tiegħu qegħdin jaqgħu f'dik tal-konvenuta, b'mod li s-superfiċi tal-porzjon tiegħu tonqos, u tiżdied dik ta'-konvenuta; u peress li l-konvenuti, interpellati biex jerġgħu jqiegħdu kollox kif kien, ma wieġbu u ma għamlu xejn; talab li dina l-Qorti tipprefiġġi żmien qasir u perentorju lill-konvenuti sabiex jerġgħu jagħmlu dawn is-sisien kif kienu qabel ma neħħewhom, u jtellgħu lill-attur il-materjal li waqa' fil-porzjon tal-konvenuta minħabba r-rimozzjoni tas-sisien, kif fuq imsemmi, u dana taħt id-direzzjoni ta' perit jew persuna oħra li tiġi għall-oġġett nominata; u f'każ illi dawn ma jagħmluhomx fiż-żmien li jiġi lilhom prefiss, sabiex huwa jiġi awtorizzat li jagħmel hu dawk is-sisien u jtella' l-materjal a spejjeż tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Frar 1949;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi huma la neħħew u lanqas ħadmu s-sisien indikati fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur u l-konvenuta flimkien mal-membri l-oħra tal-familja.............. qasmu l-beni li kellhom in komuni.............., dina l-għalqa "Taċ-Ċianta" tikkonsisti f'żewġ appezzamenti kważi paralleli ma' xulxin, waħda f'livell superjuri u l-oħra f'livell inferjuri.............;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi in tema legali jingħad li l-liġi ma titkellimx "expressis" fuq is-sisien. Ir-regolament tal-kwistjoni odjerna jrid kwindi ta' bilfors jiġi bażat fuq il-prinċipji ġenerali li jirre-

golaw il-proprjetajiet li jkunu viċini, jew dawk tad-dritt komuni mil-Lekwità imposti, jew mill-użi inveterati fil-kampanja osservati u dettati;

**Huwa fatt li kwalunkwe persuna tista' tuża mid-dritt talproprjetà tagħha illimitatament; imma fl-istess ħin limitatament għad-drittijiet li għandu ħadd ieħor; u meta persuna tuża illimitatament mid-dritt ta' proprjetà tagħha, hija trid tieħu l-prekawzjoni li b'dak l-użu ma tkunx tinissel kawża ta' dannu lil ħadd ieħor; l-għaliex il-prinċipju "nullo videtur dolo facere qui suo jure utitur" (Gaius, L. 55 De Regulis Juris), i jissanzjona li l-eżerċizzju tad-dritt ta' persuna ma hux suġġett għal ebda restrizzjoni, isib il-limiti tiegħu fil-fatt tal-bniedem jew dispożizzjoni tal-liġi, inkwantokkè, għalkemm dan id-dritt huwa assolut, l-istess, in relazzjoni tad-dritt ta' ħadd ieħor li huwa garantit mil-liġi għall-eżistenza reċiproka fost l-assoċjati, u li kwindi huwa wkoll ta' indoli assoluta, isib il-limiti tiegħu kif jista' jidher mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw id-delitti u kważi-delitti;**

Illi jingħad ukoll li l-liġi ċivili, fl-art. 456, turi ċar li l-oġġett tagħha huwa li jiġi impedit li l-viċini jikkaġunaw danni lil xulxin, jew li l-kondomini jesponu għal perikolu ħaġa komuni; u dawk il-projbizzjonijiet mit-termini ġenerali wżati jistgħu jservu bħala norma fil-każi analoġiċi. Del resto, fid-dritt komuni u l-iskritturi li ikkommentawh, il-każi li mhumiex identifikati mil-liġi dejjem ġew interpretati analoġikament; l-għaliex intqal ġustament li f'materja hekk vasta ma kienx possibili għal ebda leġislatur idaħħal fi statut kull u kwalsijasi każ. Infatti ġie ritenut li l-proprjetarju li jkun irid jiftaħ barriera fuq il-fond tiegħu sabiex jaqta' l-ġebel, irħam, jew jgħor ir-ramel et similia, ma jistax jiftaħ dik l-istess barriera fuq il-linja ta' konfini jew l-estremità tal-proprjetà tiegħu u ta' dik tal-viċin, u jkompli x-xogħol intrapriż minn dik il-linja, il-għaliex it-terren tal-viċin b'dak ix-xogħol nieżel dritt u, kif ingħad, "a picco", u b'dika l-opra, jibqa' b'hekk bla sostenn u jkun espost li l-ħajt tiegħu jċiedi jew jagħmel frana, jew jinselaħ, u jitlef is-solidità tiegħu (Desgodets, Costumanzi ta' Parigi, kumment fuq l-art. 190, numru 1, ċitat mil-Pardessus, Trattato delle Servitù Prediali, pag. 125-126, parag. 199, u l-istess Pardessus, opera ċitata, paġ. 126, kolon-

na 2, Napoli, 1854). L-istess jinghad ghar-rimi jew żibel. jew materji simili (ara Caepolla, De Servitutibus, Caput LXXVIII De Serquilinio, pagina 218);

Illi minn dan li ntqal jitnissel li l-viċin għandu jeżerċita d-dritt tiegħu, u għandu jirripara d-dannu kaġunat doloża-ment jew negliġentement meta huwa jeżerċitah b'dannu ta' viċin ieħor. Anzi ċ-Caepolla fuq ċitat, taħt il-Kap. XVII, "De Cultura Terrarum", paġ. 404, par. 3, meta jitkellem fuq il-koltivazzjoni ta' l-għelieqi, igħid li jekk il-mod tax-xogħol dannuż — il-każ kontemplat minn dak l-awtur kien ta' solki u fosos indirizzati mill-għalqa superjuri għall-inferjuri, b'mod li l-ilma jiġi misjuq bil-qawwa għal fuq il-fond inferjuri—jiġi wżat, id-danneġġjat "potuit ipsum cogere ut suppleat sulcos, vel fossos, et si non replet condamnari debet ad interesse, vel potest judex jubere ut caveat de damno infiet. Etiam manu militari poterit compelli ad demoliendum et ad planandum opus";

Illi jekk huwa minnu li l-proprjetarju tal-fond viċin superjuri ma jistax jagħmel opri jew xogħol li bihom jiddanneġġja lill-proprjetarju tal-fond inferjuri, mill-banda l-oħra dan l-aħħar imsemmi korrispettivament ma jistax jagħmel xogħol u opri a dannu tal-fond superjuri, in forza ta' l-istess prinċipji fuq imsemmija. Il-prinċipju fuq imsemmi jsib l-applikazzjoni għall-kwistjoni odjerna. Del resto, il-Pardessus fl-opera fuq ċitata jgħid:— "Il proprietario della parte inferiore di un terreno declive non potrebbe tagliarlo a picco, nè dissodarlo, o coltivarlo in modo che portasse pregiudizio alla parte superiore, e dovrebbe lasciare qualche porzione in tale stato che quella parte, qualunque ne fosse il proprietario vicino, non si *trovasse altrimenti* esposta a scoscendimento. A questa specie di terreni si dà il nome di 'poggi' (tertres, rideux)", ċjoè ridotti jew għoljiet żgħar ta' l-art li jelevaw ruħhom mill-pjan;

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni attriċi hija bażata fuq id-delitt jew kważi-delitt ċivili, li huwa definit "factum illecitum dolo admissum quo alterius utilitas laeditur". Biex ikun hemm id-delitt ċivili hemm bżonn li jikkonkorru tliet kondizzjonijiet :—

(1) Li l-fatt ikun illeċitu, u ċjoè li jkun hemm fih leżjoni tad-dritt ta' ħadd ieħor, u li ma jkunx jikkonsisti fl-eżerċizzju ta' dritt jew adempiment ta' obligazzjoni; (2) il-fatt irid ikun imputabbli lill-awtur — "peccata sua tenent auctores" — u ċjoè jrid ikun ir-riżultament tal-volontà libera ta' l-awtur; u (3) li l-awtur tal-fatt irid ikun aġixxa xjentement u bl-intenzjoni li jagħmel id-dannu, b'mod li jekk ikun hemm "dolus" ikun hemm delitt, u jekk ikun hemm "culpa" jkun kważi-delitt. Id-delitt ċivili jissupponi l-infrazzjoni tal-liġi ċivili u li jkun hemm attakk ta' l-ordni privat li bih jiġi vjolat l-interess; il-kważi-delitt jissupponi t-tort;

Tikkonsidra;

Illi, elaborati l-prinċipji legali fuq imsemmija, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-fattijiet tal-kawża;

Tikkunsidra;

Illi dak li huwa aċċertat bla ebda dubju huwa:— (1) Illi s-sies in kwistjoni ħfief, jew aħjar iffrana xi daqsxejn, aktar sensibilment fil-parti tal-linja mill-għalqa ta' Cikka sa fejn jinsab imneżża' minn ħaxix jew pjanti li jitilgħu bla kultura ghal xi tul ta' għaxra jew tnax-il pass mill-ħajt tal-għalqa fuq imsemmija............. Intqal "sensibilment", l-għaliex kważi x-xhieda kollha jgħidu li f'dik il-biċċa l-aktar li nnutaw u wrew li kienet id-differenza bejn kif kien id-dahar jew ħajt tas-sies meta xehdu u meta u kif kien fl-epoka tal-qasma. Huwa minnu li l-attur jippretendi li ġara l-istess ħaġa f'xi żewġ, tliet jew erba' postijiet oħra tul is-sies kollu, u xi xhud qal bħalu; imma xhieda oħrajn ma għamlitilhomx l-istess impressjoni, barra milli għas-selħa l-oħra żgħira li ssemmiet fuq; (2) illi l-parti fejn żgur ġiet mutata l-kondizzjoni minn żmien qabel il-qasma, skond il-maġġuranza tax-xhieda, kienet svestita minn ħaxix, li huwa risaput li f'sisien jirrafforza dawk ir-ridotti u jżommhom wieqfa; u l-istess parti minn dejjem kienet daqsxejn wieqfa, u mhux bħal partijiet oħra, li għadhom jidhru, li huma b'deklivju li, għalkemm mhux ħelu ħelu, iżda huwa bil-qagħda inklinata; (3) illi l-parti fejn hemm il-mutament mhix rafforzata bl-ebda ħajt tas-sejjieħ, tal-ġebel iew xulliel, u hija ħamrija, jew aħjar trab; (4) li meta sar l-aċċess tal-5 ta' Mejju 1949, dina l-Qorti kkonstatat per mezz tal-perit agrikolu Giuseppe Camilleri, li l-għal-

qa inferjuri kienet ġiet mahduma hdejn is-sies jew skamplu tas-sies skond l-arti, u x-xogħol ma kienx marsus b'mod li seta' sar hsara lill-istess sies; (5) li f'Settembru 1948, l-attur kien ihnenta max-xbrd Giuseppe Camilleri li l-konvenut Giuseppe Debono kien messlu s-sies in kwistjoni, u Camilleri mar fuq il-post, ra li x-xogħol ta' Debono kien skond ir-regola u l-arti, imma deherlu li kien ġie mimsus min-naħa tal-għalqa ta' Cilea, u "pro bono pacis" mar iwissi lil Giuseppe Debono, li ċaħad li messu, imma assigurah li ma kienx sejjer imissu; u għalhekk Camilleri qal b'dan lill-attur u l-istess attur qal li b'hekk *kien ħareġ sodisfatt*; imma in segwitu l-attur reġa' għajjat lil Camilleri fuq il-post u wrieh innaħa tas-sies li tiġi viċin l-għalqa ta' Cilea fejn kien waqa' xi trab, u Camilleri osservalu li dak kien waqa' bix-xita li kienet għamlet, mentri l-attur sostna li kien dovut għall-inkavar ġdid tal-konvenut, imma Camilleri reġa' tennielu li kien niżel bix-xita, kif kien ostament jaħseb; (6) illi skond l-espert Camilleri, it-trab li waqa' minn mindu ra s-sies ittieni darba fuq talba ta' l-attur sa dak in-nhar li xehed fit-28 ta' *Ottubru 1949, waqa' bix-xita. ... mhux bix-xogħol marsus* bejn is-sieq tas-sies jew l-iskamplu, jew bl-inkavar tal-moħriet tal-konvenut; (7) illi x-xhud Giuseppe Calleja, li xehed darbtejn, fl-ewwel okkażjoni ma qalx dak li qal fit-tieni xhieda tieghu, u ċjoè li huwa ra darba lil Giuseppe Debono, qabel ma kien kellmu Giuseppe Camilleri fuq l-ewwel ilment ta' l-attur, jaħdem biz-zappun ħdejn ix-xifer tas-sies u jmiss l-iskamplu jew is-sieq ta' l-istess sies; (8) li meta Camilleri kellem lil Debono fuq it-talba ta' l-attur, dan ikkuntenta bl-*assikurazzjoni tal-konvenut li ma kienx sejjer imiss is-sies*, għalkemm ukoll ċaħad li kien messu, u ħalef fil-kawża li qatt ma messu;

Tikkunsidra;

Illi huwa minnu li meta Giuseppe Camilleri mar fuq il-post l-ewwel darba wara l-qasma.............. Dawna l-fatti aċċertati juru li l-attur fuq dik il-ħsara kien wera bil-fatt li ma riedx jagixxi, u ma jistax kwindi jġib dak il-fatt fil quddiem illum. Dana jingħad apparti d-depożizzjoni tal-konvenut Giuseppe Debono, li qal li huwa qatt ma mess is-sies. Wara dak il-fatt għandna mill-espert Camilleri li t-trab li

waqa' kien effett tax-xita, u mhux l-effett ta' xi inkavar preċedenti, mill-mod kif xehed l-espert, kif ukoll kien dovut għall-intrinseka kompożizzjoni ta' dik il-parti tas-sies fejn waqa'; u kwindi ma jistax jingħad, bħal ma jippretendi l-attur fiċ-ċitazzjoni, li għandhom ikunu tenuti għal-ħsara l-konvenuti;

Tikkunsidra;

Illi t-trab li jaqa' mis-sies ma jibqax jifforma għall-mument parti minnu; imma meta ċ-ċapep tat-trab ikunu mhux żgħar, u meta jiżżerżqu f'sieq is-sies jiffurmaw munzelli, u għandhom jibqgħu hemm u mhux jiġu rimossi; l-għaliex il-pożizzjoni tagħhom tifforma, ma' trab ieħor fin, jew anki ċappa, li jista' naturalment jaqa', il-bażi tal-pareti li fuqhom il-ħajt tas-sies ikun qiegħed ipoġġi; u meta t-terrapien jibbies u jissolidifika, jerġa' jsir kollox ħaġa waħda mas-sies u jservih ta' sostenn. Fuq dina l-konsiderazzjoni biss jista' jingħad li l-konvenut seta' negliġentement — għaliex id-"dolus" ma ġiex soddisfaċentement pruvat — mess is-sies, kif huwa stess ammetta meta xehed li l-munzelli li waqgħu n-naħa ta' Cilea huwa u jaħdem tferrxu mal-moħriet. Ċertament il-pretensjoni ta' l-attur hija aktar gravuża fil-konfront tal-konvenut; imma dana huwa l-uniku ħaġa li ma għamelx sewwa l-konvenut Giuseppe Debono; l-għaliex kontra l-konvenuta l-oħra ma ġie ppruvat xejn;

Illi jingħad però li, skond ma jirriżulta mill-provi, l-epoka meta waqgħu dawn iċ-ċapep tat-trab mill-ħajt tas-sies in kwistjoni kienet epoka tax-xita, u parti minn dak it-trab kien ta' bilfors jibqa' miexi ma' l-ilma, u dawk l-istess munzelli, li setgħu qabel ix-xita ngabru, ma kienux sejrin iżommu l-ħajt ta' l-istess sies fil-kondizzjoni li ma jinselaħx naturalment, għalkemm, kieku baqgħu fl-istat kif waqgħu, xi ħaġa minnhom kien jibqa' mal-bażi tas-sies u kienu ċertament iservu għall-futur;

Illi in kwantu għall-azzjoni diretta kontra l-konvenuta, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti l-istess ma tistax tkun responsabili ta' kwalunkwe delitt jew kważi-delitt li seta' għamel żewġha, il-konvenut l-ieħor; u kwindi, fl-assenza ta' provi li hija ħadet xi sehem fil-fattijiet lamentati, l-azzjoni kontra tagħha hija insostenibili;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddecidi billi tilqa' t-talba kontra l-konvenut Giuseppe Debono, limitatament però ghat-trab tas-sies li waqa' fil-bażi tas-sies u li huwa firex bil-mohriet; u tordnalu li fi żmien xahar iqiegħed żewġ kaxxi mdaqqsa trab f'linea ta' munzelli mas-sieq ta' l-istess sies mil-hajt tal-għalqa Cilea sa limistax-il pass 'il ġewwa, taħt id-direzzjoni tal-perit agrikolu Giuseppe Camilleri, appożitament nominat; u fil-każ li Giuseppe Debono jonqos, tawtorizza lill-attur, a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit, jagħmel ix-xogħol ordnat; u tiċħadha għall-kumplament, kif ukoll in kwantu diretta kontra l-konvenuta Gaetana Debono;

L-ispejjeż jinġabru u jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut Giuseppe Debono; dawk però ta' Gaetana Debono jitħallsu mill-attur.